# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Talba Nru: 274/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**Ginexi Services Limited (C79539)**[1]

**Vs**

**Camillo Chiesa**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-ammont ta' elfejn, seba' mija u sitt Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,706.50ċ) rappreżentanti xogħol mwettaq fil-propjetá tal-konvenut u mhux imħallas, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' att ġudizzjarju, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax[2];

[1] Hekk kif ikkorreġut permezz ta' digriet mogħti fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2021.
[2] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut tal-4 ta' Jannar 2021[3] permezz ta' liema, fl-ewwel eċċezzjoni saħaq li t-talba kif oriġinarjament magħmula kienet ħażina għax miftuħa minn Ginexi Ltd u mhux minn Ginexi Services Ltd, li t-talbiet huma nfondati għaliex ix-xogħol sar ħażin u mbagħad li s-soċjetá attriċi għandha tipprova dak li qiegħda titlob;

Ra li s-soċjetá attriċi talbet korrezzjoni in vista tal-ewwel eċċezzjoni, liema talba ġiet milqugħa[4];

Ra l-affidavit ta' Giovanni Ginesci u d-dokumenti hemm mehmuża[5];

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi fejn ġie ppreżentat l-att ġudizzjarju msemmi fl-Avviż tat-Talba[6];

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ra d-dokumenti hemm preżentati[7];

Sema' l-kontro-eżami ta' Giovanni Ginesci u tal-konvenut[8];

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet[9];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[3] A fol 7 *et seq* tal-proċess.
[4] Verbal relattiv jinsab a fol 13 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 17 tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 41 tal-proċess.
[7] Magħmula waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 202.
[8] It-tnejn magħmula waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2022.
[9] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta hekk kif ordnat fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022. Trattazzjoni relattiva tibda a fol 85 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi qabel xejn it-Tribunal jirrileva li ma hemmx aktar ħtieġa ta' deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u dan stante d-digriet mogħti waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2021.

Għalhekk t-Tribunal qiegħed jastjeni milli jqisha aktar.

**Provi**

Illi l-provi u x-xhieda kienu brevement is-segwenti.

Illi Giovanni Ginesci inizjalment xehed permezz t'affidavit[10]. Hawn jispjega li huwa direttur tas-soċjetá attriċi, liema soċjeta toffri servizzi ta' manutenzjoni. Il-konvenut kien għamel kuntatt miegħu sabiex isir xi xogħol fil-propjeta' tiegħu. Il-pjanti relattivi ingħataw lilu waqt li kien hemm ukoll preżenti l-perit tal-konvenut waqt aċċess fuq il-post. Wara din il-laqgħa, f'laqgħa sussegwenti, is-soċjetá attriċi għaddiet lill-konvenut pjan tax-xogħol rikjest. Ix-xogħol kien biss xogħol preparatorju sabiex jiġu nstallati *air conditioners*, board biex jgħatti l-istess, jitbaxxa s-saqaf ta' kamra tal-banju u li jsir ħajt fil-kċina. Jgħid li hu qatt ma ġie inkarigat sabiex jagħmel il-*finishings* ta' dan ix-xogħol. Jgħid li x-xogħol sar f'Marzu 2019. F'Awwissu 2019 imbagħad ġie mitlub sabiex jinstalla l-*air conditioners*. Dan sar minn kumpannija mqabbda minnu. Jgħid li l-konvenut dejjem kien kuntent bix-xogħol u qatt ma ġie mitlub jagħmel modifiki. Ix-xhud jispjega mbagħad il-kont mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-kont intbgħat

[10] Dan jinsab eżebit permezz ta' nota a fol 17 tal-proċess.

f'Novembru tas-sena 2019. Peress li qatt ma rċieva l-flus sar kuntatt mal-konvenut u dan qallu li l-ammont kien eżaġerat. Jgħid li huwa biss wara li nfetħu dawn il-proċeduri li l-konvenut qiegħed juża din l-iskuża (li x-xogħol sar ħażin) sabiex ma jħallasx.

Illi in kontro-eżami[11] jerġa jikkonferma x-xogħol li ntalab jagħmel mill-konvenut. Jerġa jikkonferma li qatt ma kien hemm lamentela fuq ix-xogħol. Jinnega li qatt ntqal li kien hemm problemi bl-*air conditioners*. Jikkonferma li kien sar xi xogħol riparatorju iżda ma kien hemm l-ebda problema oħra. Jikkonferma li għadu ma tħallasx. F'Novembru 2019, meta l-konvenut ġie infurmat li kien sejjer jintbgħat il-kont lilu, l-istess konvenut ma qallu xejn dwar ix-xogħol ħażin.

Illi l-konvenut xehed *viva voce*. In eżami[12] jgħid li kien iltaqa´ma Ginesci f'Settembru 2018. Jgħid li x-xogħol kien sabiex jiġu nstallati xi *air conditioners* Jgħid li meta kien sejjer jibda x-xogħol preparatorju, is-soċjetá attriċi kienet tardiva. Jgħid li bħala depożitu tax-xogħol huwa ta *air conditioner* ġdid lis-soċjetá attriċi. Jgħid li waqt l-installazzjoni tal-apparat kien hemm xi problemi bix-xogħol magħmul mis-soċjetá attriċi fis-sens li xi *wires* kienu qosra wisq u kien hemm ukoll problema ta' *leakage*. Is-Sur Ginesci kien ġie u rranġa din il-problema. Jgħid li pero din il-problema kompliet, u għalkemm talab lis-soċjetá attriċi terġa tiġi din qatt ma ġiet. Għalhekk ingaġġa s-servizzi ta' nies oħra. Jgħid li l-ilma kien ħiereġ għaliex ix-xogħol ma sarx sew, ma sarx fl-anglu rikjest mis-sengħa.

[11] Magħmula waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2022 u li jibda a fol 62 tal-proċess.
[12] Magħmula waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021. Xhieda relattiva tibda a fol 50 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[13] jgħid lix-xogħol li kellu jsir mis-soċjetá attriċi kien li jsir xogħol preparatorju għall-instalazzjoni tal-*air conditioners* li ġew mixtrija direttament mill-konvenut mill-Italja. Wara li dawn inxtraw mill-konvenut, ġew imħażżna fil-fond tas-soċjetá attriċi. Jgħid li m'huwiex minnu li l-*iron mask* kien diġa għand is-soċjetá attriċi. Jikkonferma li l-plastering ma sarx mis-soċjetá attriċi. Ma jaqbilx lis-soċjetá attriċi kienet irranġat is-sitwazzjoni dwar l-ilma. Jgħid li qatt ma reġa ltaqa ma' Ginesci wara li dan kien ġie jipprova jirranġa s-sitwazzjoni. Jaqbel li waqaf jirrispondi lis-soċjetá attriċi meta din bdiet iċċempel sabiex titħallas. Jgħid li mhux minnu li l-ammont huwa eżaġerat anzi huwa wieħed raġonevoli. Jikkonferma li x-xogħol kollu magħmul, kif indikat fil-fattura, sar mis-soċjetá attriċi.

Illi magħmul dan ir-riassunt t-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt.

Illi b'mod ġenerali[14] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*[15].B'mod aktar speċifiku mbagħad, għal dak li jikkonċerna

---

[13] Magħmula waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2022. Xhieda relattiva tibda *a tergo* ta' fol 65 tal-proċess.

[14] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-istitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[15] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-*

vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[16]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[17]. Huwa obbligu prinċipali tal-appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għal-

---

*prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[16] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtoritá, is-segwenti: *"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

[17] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

kommittent li jkun inkarigah[18]. Naturalment ukoll, hija r-regola ewlenija li *omnia labor, optat premium*[19]. Dan il-prinċipju ma jistax jiġi faċilment skartat[20].

Illi lit-Tribunal ingħatalu biss żewġ verżjonijiet soġġettivi[21] tal-kontendenti u xejn aktar. Dawn il-verżjonijiet, f'xi bnadi tagħhom huma naturalment kontrastanti[22]. Għalhekk l-indaġini ta' dan it-Tribunal, mgħejjun mill-prinċipji

---

[18] F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata)

[19] Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghallprincipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli talQorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun ilkwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak ilkwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti*"

[20] F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri bl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004.

[21] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

[22] Issir referenza għal dak li jgħid dwar dan il-ġurist **Piero Calamandrei**, meta bil-mod filosofiku tiegħu dwar xhieda jgħid hekk "*Per la naturale imperfezione dei sensi umani, a causa della quale la percezione anche dei fatti piu semplici e fatalment soggetta a lacune e ad errori, la testimonianza porta sempre con sé, anche quane é resa in buona fede, un fondato sospetto di fallacia, che consiglia di non darle credito senza una preventiva critica che ne valuti l'attendibilitá; d'altra parte assai volte il testimone e tratto quasi istintivamente a lavorar di fantasia sui dati grezzi della sua percezione originaria, a interpretare ed a ricostruire secondo il suo punto di vista soggettivo il fatto al qaule ha assistito, e a considerare infine come immediata constatazione dei sensi qullo che in realtá non é che ilresultato riflesso di una rielaborazione e quindi di un trasformazione delle sensazioni primitive. Il testimone,*

hawn fuq indikati, sejra jkollha tkun l-aktar ibbażata fuq il-verosimiljanza tax-xhieda[23].

Illi mill-ewwel jingħad lis-soċjetá attriċi għandha raġun fl-azzjoni kif proposta minnha.

---

*insomma, rare volte riferisce i fatti come li ha percepiti, ma li riferisce come, in seguiote a cioe che ha perceptio, gli sembra naturale e ragionevole che si siano svolti: con questo egli ha gia fatto per conto suo un giudizio di fatti, che, sia pure inconsciamente, lo induce ad esser parziale. Si aggiunga a tutto questo che rare volte il testimone, al momento in cui ha osservato i fatti, poteva prevedere che egli in seqguito sarebbe stato chiamato a deporre su di essi in giudizio: sicché, quando egli é interrogato, deve contentarsi di ritrovare nel fondo dei suoi ricordi i resti di una impressione vaga e frammentaria, invece di un quadro completo e preciso, quale sarebbe restato nella sua memoria se, al momento in cui i fatti si svolsero, egli vi avesse assistito col senso di responsabilitá e colla conecntrata attenzione di chi si mette ad osservare per riferir cioé che osserva"*– Opere Giurdiche, Vol V, La Chiamata in Garantia e Altri Studi Sul PRocesso di Cognizione e sulle Prove, Roma TrE-PRESS, stampat wara awtorizzazzjoni mill-eredi tiegħu fis-sena 2019, a fol 434.

[23] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġa indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieħ ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

Illi għal dan it-Tribunal ma ntweriex mill-konvenut li kien hemm tant difetti serji fix-xogħol, jekk hekk kien hemm, (wara x-xogħol riparatorju) li kienet inkarigata tħejji s-soċjetá attriċi, li għandu jwassal għaċ-ċaħda tal-ħlas dovut lill-appaltatur[24].

Illi huwa x-xogħol imwettaq fil-kontro-eżami[25] tal-konvenut li l-aktar jitfa dawl fuq dak li ġara f'dan il-każ. Rispettożament jkollu jiġi mistqarr li l-konvenut ħawwad ħafna. Huwa ċar għal dan it-Tribunal li x-xogħol imwettaq wara (minn xi terzi) ma kellu x'jaqsam xejn mal-inkarigu oriġinarjament mogħti lis-soċjetá attriċi. Bid-dovut rispett, jekk il-konvenut ried verament jikkonvinċi lit-Tribunal li ġab nies oħra, u li dawn għamlu xogħol riparatorju ta' ċertu gravita fuq ix-xogħol imwettaq mis-soċjetá attriċi, ma kien hemm assolutament xejn xi jwaqqaf lill-istess milli jipproduċihom sabiex jipprovdu t-testimonjanza tagħhom. Dan it-Tribunal huwa ben konxju li huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[26]. Huwa

---

[24] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Camilleri et vs Charles Farrugia noe,** (Ċit nru: 1494/1992/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Frar 2004 fejn reġa ġie ribadit hekk: *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Brownrigg noe vs Spiteri", deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur ma humiex mehlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b'daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabilita' jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta'certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-'exceptio non rite adempleti contractus' ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni."*

[25] Kif jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi**: *"L'interrogatorio formale ha la finalitá di provocare la confessione e cioé una dichiarazione affermativa che assume valore di prova legale."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

[26] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta."*

minnu wkoll li t-Tribunal jista jitlob li ssir l-aqwa prova, iżda ċertament m'għandux ikun hu li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[27].

Illi minn dak li setá jikkonstata t-Tribunal mill-assjem tal-provi quddiemu, s-soċjetá attriċi seħħilha turi li hija qdiet fedelment l-istruzzjonijiet mogħtija lilha.

Illi għalhekk il-konvenut ma seħħilux juri li x-xogħol kien magħmul ħażin u li ġarrab ħsara[28]. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova[29].

---

[27] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[28] Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Plant Limited vs Ramel u Zrar Limited,** (App Ċiv Nru: 574/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar t-18 ta' Ottubru 2006 fejn ġie mfakkar hekk: *"Issa, jekk hemm bzonn jigi hawn ripetut, il-Kodici ta' Procedura jistatwixxi fl-Artikolu 558 et sequitur dawk li huma meqjusa bhala r-regolamenti tal-provi. Senjatament, li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (Artikolu 562). Din in-norma ssib il-bazi taghha fir-regola tradizzjonali pacifika "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Regola bhal din tesprimi certament lesigenza logika li tqieghed a kariku tal-parti li tallega fatti ghas-sostenn tal-posizzjoni taghha illi ggib il-prova ta' lezistenza taghhom. Oneru dan impost fuq il-partijiet kollha in kawza: kemm fuq dawk atturi, li jsostnu fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-fondament tad-dritt azzjonat ("actore incumbit probatio"), kemm fuq dawk, konvenut, ghas-sostenn ta' fatti migjuba b' fondament ghall-eccezzjonijiet sollevati biex jikkontrastaw il-pretiza ta' lattur ("reus in excipiendo fit actor"). Proprju "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi lkontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu (il-konvenut)".*

[29] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni*

Illi wkoll tajjeb jingħad li l-konvenut ma jirrikjama l-ebda nuqqas għax-xogħol l-ieħor imwettaq mis-soċjeá attriċi, konċernanti dak magħmul fil-kamra tal-banju u fil-kċina. L-istess jingħad għall-installazzjoni tal-*air conditioners*. Kien ikun ferm aktar feliċi li kieku l-konvenut allura rrestrinġa d-difiża tiegħu fuq ftit mix-xogħol u mhux dak kollu magħmul mis-soċjetá attriċi, li kien jinvolvi xogħol imwettaq fuq ambjenti differenti. Ma jistax jippretendi li ma jħallas xejn għas-servizz kollu meta ħafna mis-servizz ma jgħid xejn ħażin dwaru.

Illi mbagħad, sa fejn il-konvenut donnu jippretendi hu stess rimborżament dovut għal xi ħsara[30], qajla hemm għalfejn jiġi mfakkar li kienet għażla tiegħu li ma jwessax dan il-litiġju b'kontro-talba appożita.

Illi finalment, dwar l-ammont mitlub mill-attur dan huwa wkoll meritevoli t'akkoljiment. Anke gwidat minn dik li hija l-valutazzjoni ekwitattiva[31], dan it-

*mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".* Bżieda dottrinali mbagħad, issir referenza għal dak li jgħid il-ġurist **Francesco Ricci** u ċioé li *"Il principio pertanto regolatore dell'onere di provare deve cosi formolarsi: Chiunque pone a base della sua domanda o eccezione la affermazione, ovvero la nageazione di un fatto, é tenuto a somministrare la prova dell'esistenza o inesistenza del fatto; imperocché, senza questa dimostrazione, la domanda o l'eccezione non risulta fondata, ed il giudice non puo accogliere domande od eccezione infondate".* – Delle Prove, Trattati Speciali di Diritto Civile, Unione Tiprografico-Editrice, 1891, para 30, a fol 47.

[30] Hekk per eżempju l-konvenut donnu jippretendi ħlas ta' €1,101.69ċ għal *storage charge* ta' xi għamara skond dokument a fol 58.

[31] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: "Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt*

Tribunal qiegħed jiddeċiedi li l-ammont huwa ġust, mhux eżaġerat u jirrifletti sew ix-xogħol magħmul mis-soċjetá attriċi.

Għaldaqstant it-Tribunal jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jastjeni milli jikkunsidra aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut u għalhekk jilqá t-talba tas-soċjetá attriċi u jordna li l-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' elfejn, sebá mija u sitt Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,706.50ċ) bl-imgħax legali mit-18 ta' Awwissu 2020[32] sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1227/2020[33], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

*ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-preġudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[32] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali hekk kif jemerġi mit-timbru a fol 43 tal-proċess u dan a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ruth Spiteri vs Emanuel Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited",** (App Ċiv Nru: 798/2000/1 mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Marzu 2003.

[33] Ittra relattiva tinsab eżebita permezz ta' nota a fol 41 tal-proċess.